MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 950/1986/2

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici "ad litem" ta' uliedha minuri C u D ahwa B**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici ppremettiet u talbet hekk: illi l-hajja konjugali tal-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli minhabba htija tal-konvenut li wettaq fil-konfront ta' martu theddid, swat, sevizzi, xehha u mohqrija, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li l-konvenut jghid ghaliex din Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet tal-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

2. Tafda l-kustodja taz-zewgt itfal minuri C u D lill-attrici;

3. Tapplika favur l-attrici l-effetti kollha tal-Artikolu 64 [illum 55] tal-Kodici Civili;

4. Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u tiddividi u tassenja f'porzjonijiet ugwali l-istess assi tal-komunjoni hekk likwidati;

5. Tapplika interament jew in parti d-dispozizzjonijiet taht l-Artikolu 56 u 58 [illum 48 u 50 rispettivament] tal-Kodici Civili kwantu applikabli ghall-kaz;

6. Tikkundanna lill-konvenut jissomministra lill-attrici ghaliha u ghaz-zewgt uliedha minuri dik ir-retta alimentarja li tigi hekk stabbilita minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla u tal-mandat ta' inibizzjoni Numru 1226/86, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta'eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u attribwixxa t-tort tas-separazzjoni lill-attrici minhabba li abbandunat id-dar u wettqet adulterju.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla datata 10 ta' Lulju 1991;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) datata 15 ta' Frar 1993,

Rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku Alfred Camenzuli[1];

Rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku David Pace[2];

Rat ir-Rapport tal-Periti Perizjuri[3];

---

[1] Vol. 1, fol 32 et seq.
[2] Vol. 1, fol. 112 et seq.
[3] Vol. 1, fol. 140 et seq.

Rat ir-Rapporti tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia u l-Perit Tekniku Valerio Schembri[4]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli ghal ragunijiet unikament attribwibbli lill-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; inoltre qed titlob li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tort tat-separazzjoni unikament lill-attrici minhabba li abbandunat id-dar matrimonjali u wettqet adulterju.

**Id-Decizjoni tal-Qorti Civili Prim'Awla**
Illi fl-10 ta' Lulju 1991, il-Qorti tal-prim istanza ddecidiet hekk:

"*(1) tilqa'* ***l-ewwel talba*** *attrici u tiddikjara is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija esklusiva tal-konvenut; (2)tilqa'* ***it-tieni domanda*** *kif dedotta fic-citazzjoni; (3) tilqa'* ***it-tielet domanda*** *u tapplika favur l-attrici l-effetti kollha tal-artikolu 55 (u mhux 64 kif mitlub fic-citazzjoni) bil-kondizzjoni hemm stipulata; (4)....*"

**Id-Decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell**
L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddecidiet billi "*tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha fejn laqghet* ***l-ewwel talba*** *attrici u iddikjarat s-separazzjoni personali*

[4] Vol. 4, fol. 992 et seq.

*bejn il-kontendenti bi htija esklusiva tal-konvenut, fejn laqghet* ***it-tieni talba****, pero' tirrileva li l-ewwel Onorabbli Qorti imissha iddisponiet ukoll dwar l-access ghall-minuri da parti tal-kovenut, fejn laqghet* ***it-tielet talba****, fejn laqghet ir-raba' talba fis-sens biss li ordnat li tigi likwidata il-komunjoni tal-akkwisti u tirrevokaha fil-kumplament kollu taghha*[5] *u tibghat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti biex isir l-ezercizzju mill-gdid tal-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u jigi stabbilit il-manteniment fuq bazi permanenti wara li jkun sar dan l-ezercizzju*"[6].

**Manteniment**
Il-Qorti taghmel referenza ghal kontenut ta' din is-sezzjoni pagni 10 sa 14 tar-rapport tal-Perit Legali u tadottah fl-intier tieghu. Ghalhekk f'dan is-sens u kif ukoll fir-rigward tal-provvediment fir-rigward tar-rikors tal-konvenut dwar il-manteniment, din il-Qorti ma tvarjax l-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghar-ragunijiet esposti fl-imsemmi rapport u tikkonferma li l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici huwa dak ta' Lm27, illum ekwivalenti ghal €62.89 fil-gimgha.

**KOMUNJONI TA' L-AKKWISTI**
Illi l-Qorti qieghda tannetti mal-gudizzju odjern kopja tal-pagni 2 sa 59 tar-relazzjoni peritali flimkien mad-dokumenti relattivi [Appendici A – Vol.IV fols.995 sa 1059] peress li aktar 'il quddiem f'din is-sezzjoni ser issir referenza ghall-kontenut taghhom.

**Il-Barriera**
Il-Qorti taghmel referenza ghal dina s-sezzjoni pagni 2 sa 7 tar-rapport tal-Perit Legali tadottah fl-intier tieghu u jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenut meta jippretendi li l-manteniment imhallas matul is-snin ghandu jitnaqqas mis-somma li ghandha tiehu l-attrici mill-qtugh tal-barriera u dan stante l-fatt li l-attrici kienet qieghda tghix barra mid-dar u ghalhekk kienet qieghda tinkorri hafna aktar spejjez.

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti
[6] Pagni 20 u 21 ta-sentenza.

Inoltre, il-konvenut instab li huwa kien hati tat-tifrik ta’ dan iz-zwieg.

Illi fir-rigward tal-pretenzjonijiet ta’ l-attrici ghall-perijodu ta’ qabel l-1995 u cjoe mis-sena 1986, il-Qorti tirreferi ghar-rapport tal-Perit Legali pagni 5 u 6 fejn gie spjegat li:

“*Fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2009 l-konvenut prezenta Dok X li kopja tieghu gie ezebit mill-attrici u li fih hemm mil-kitba tieghu sabiex juri li mill-1985 sal-1986 huma kien ghadhom flimkien u li mill-1987 sal-1996 l-barriera kienet wieqfa u dan ghax meta telqet hi waqaf. Mill-1997 sa 2004 hadem it-tifel Charles fil-barrieri. Wara 2004 gieli jmur it-tifel pero hu ma kien imdahhal xejn. Anke tas-social services xehdu li mill-1987 sal-1996 l-barriera ma nhadmitx u l-mara f’dak iz-zmien hadet it-tifel jahdem ma’ hutha Joe u Oreste Cauchi li ghandhom barrier l-Imqabba u dam maghha sa meta tah l-barriera fis-sena 1997*”[7]. Ghalhekk ma jirrizultax sodisfacentement provat li f’dak il-perijodu l-barriera ma kinitx qieghda tinhadem.

**Immobbli**

Il-Qorti taghmel referenza ghal din is-sezzjoni pagni 7 sa 10 tar-rapport tal-Perit Legali tadottah fl-intier tieghu b’mod li jifformaw parti integrali minn dina s-sentenza, dan ukoll in vista tal-fatt li waqt is-smigh quddiem il-Qorti fit-28 ta’ Gunju 2013 il-partijiet ivverbalizzaw li “*Id-difensuri fil-prezenza tal-partijiet rispettivi jiddikjaraw li huma qablu mal-qasma tal-immobbli maghmulha mill-perit legali*”[8].

Ghalhekk il-Qorti taddotta s-segwenti:-
“*Illi t-total tal-immobbli jammonta ghal ewro 1,695,000*
*Illi ghalhekk parti ghandha sehem ta’ Ewro 847,500*
*Dwar l-assenjazzjoni taghhom, tenut kont li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tefghet il-htija tat-tkissier ta’ dan iz-zwieg lil konvenut, kif ukoll li hemm propjeta ohra x’tagheml tajjeb, l-perit legali hija tal-fehma li:-*
*(a) d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lill Mara li ghandha tghaddi nofs il-valur taghha lir-ragel.*

[7] Vol. 4, fols 998 u 999.
[8] Vol. IV, fol. 1232

*(b) Il-barriera ghandha tigi assenjata lir-ragel li ghandu jghaddi lil mara nofs il-valur taghha.*

*Il-perit legali hija tal-fehma li tali kumpens ghall-assenjazzjonijiet hawn fuq imsemmija tista tigi ekwiparata bi propjeta ohra li ghandhom l-partijiet u fl-umli fehma tal-parti legally:*
*Ir-ragel ghandu jigi assenjat l-barriera u l-garage li jinsab Cooper Garage Bishop B Street Zebbug li l-valur taghhom hi b'kollox jammontaw ghal Ewro 835,000 u n-nieqes li ser jiehu r-ragel u cioe l-ammont ta' Ewro 12,500 jitnaqas minn sehem il-mara tal-ammont ta' Ewro 55277 sehmha mill-qtugh tal-gebel fil-barriera.*
*Il-mara ghandha tigi assenjata l-propjeta l-ohra kollha u cioe Dar matrimonjali Thank God Triq l-Isqof B Zebbug, Dar Pauline Triq l-isqof B Zebbig u l-gnien Hal Mula Triq is-Siggiewi Zebbug li b'kollox jammontaw ghal Ewro 862,000 u d-differenza minn sehma ta' Ewro 847,500 cioe s-somma ta' Ewro 14,500 tigi mnaqsa minn sehma tal-qtugh tal-gebel tal-barriera.*
*Illi ghalhekk ir-ragel mill-qtugh tal-gebel tal-barriera jrid jghaddi l-bilanc ta' Ewro 28,277 (Ewro 55,277 – ewro 12,500 – ewro 14,500)*"

Il-Qorti tinnota li ghandha ssir korrezzjoni f'pagna 7 tar-rapport tal-Perit Legali fis-sens li l-konverzjoni ta' LM49,576 f'Euro hija ta' €115,481.02 u mhux €110,554 u ghalhekk l-ammont spettanti lill-attrici ghandu jkun ta' €57,740.51 u mhux €55,277.

Illi il-Qorti ticcara wkoll li z-zewg partijiet ghandhom jiehdu l-ammont ta' €847,500 kull wiehed u ghalhekk l-attrici ghandha tghaddi dak l-ammont sabiex jirrifletti dan.

**<u>Vetturi u Ingenji</u>**
Il-Qorti taghmel referenza ghal din is-sezzjoni pagni 15 sa 17 tar-rapport tal-Perit Legali tadottah fl-intier tieghu u jifforma parti integrali minn dina s-sentenza.

Ghalhekk il-Qorti taddotta s-segwenti:-
"*Illi in vista tal-premess, il-perit legali hija tal-fehma li stante li dawn huma ghodda u ingenji li dejjem uzhom ir-*

*ragel dawn ghandhom jigu assenjati lilu u l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici nofs il-valuri stabilit mill-Perit Camenzuli u cioe s-somma ta' Lm8380 cioe Ewro 19,520.15c u l-attrici tghaddi sehemha taghhom lil konvenut; rigward l-oggetti nieqsa l-konvenut ghandu jghaddi lil martu Ewro 1164.69c (LM500) nofs il-valur tat-torn tal-blavostri; u Ewro 5590.50c (LM2400), nofs il-valur tal-crane, u rigward l-Isuzu Gemini l-attrici ma gabet ebda prova dwar dak allegat minnha.*
*Dwar il-vettura mini cooper, tenut kont ukoll it-trapass taz-zmien u z-zmien li kellha fuqha l-vettura meta giet skrepjata, l-perit legali taqbel mal-konvenut meta xehed li ma gab xejn ta' li scrap ta' din il-vettura.*
*Dwar dak li qed jghid il-konvenut li l-makkinarju inxtara bi flus parafernali tieghu, l-perit legali ma tistghax tikkonstat dwar dan stante li ebda prova ma ingabet beix tipprova dan u ghalhekk fl-umli fehma tal-perit letali dawn ghandhom jigu kunsidrati li inxtraw bi flus tal-kommunjoni tal-akkwisti.*
*Dwar jekk il-valur tat-torn meta dan inbiegh kienx inbiegh LM 1000 kif qed jghid ir-ragel jew LM3500 kif qed tghid il-mara, l-perit legali tapplika l-principju ta' arbitrio et viris u tqis li l-prezz ghandu jkun ta' LM1500 u ghalhekk l-intimat ghandu jghaddi nofshom lill-attrici.*
*Ghalhekk is-somma totali li l-intimat ghandu jghaddi lil mara f'dan ir-rigward hija ta' ewro 23,480 (LM10,080).*

*Vetturi tal-mara*
*Il-perit legali ma ghandhiex ghalfejn ma ghandhiex temmen lil iben il-partijiet Charles B specjalment meta xehed li qabditu jixtrih hi. Kieku l-van kien ghalih hadd ma jista jqabdek tixtri u hija l-fehma tal-perit legali li tali van ghandu jigi kunsidrat bhala tal-komunjoni u l-mara ghandha tghaddi nofs il-valur ta' dan il-van kif inhu llum, hames snin wara li nxtara, liema valur il-perit legali tistmah LM4000 u ghalhekk l-mara ghandha tghaddi lir-ragel nofs u cioe Ewro 4658*"

Illi matul is-smigh ta' l-1 ta' Frar 2013 il-konvenut ivverbalizza illi "*il-konvenut fil-presenza tad-difensur tieghu qed jiddikjara li dwar il-karozza Mini Cooper li xehed dwarha llum huwa ma jrid xejn minnha u tista' tigi*

*assenjata lill-attrici kemm-il darba din il-karozza ghadha tezisti*"[9]. Ghalhekk fir-rigward tal-vettura Mini Cooper tvarja dak imsemmi fir-rapport tal-Perit Legali billi tadotta l-konenut ta' dana l-verbal.

Il-Qorti taqbel mas-subparagrafu (c) tan-Nota t'Osservazzjonijiet ta' l-attrici fejn tghid "*Fil-kunsiderazzjonijiet tal-perit legali dwar il-vetturi u ingenji tal-konvenut (pagna 16 u 17 tar-rapport) Hija tghid li sehem il-mara huwa ta' €19,520.15. Il-perit legali imma tkompli li fuq l-affarjiet nieqsa, l-konvenut ghandu jghaddi nofs il-valur taghhom lill-attrici u cioe – nofs il-valur tat-torn €1164.49 u nofs il-valur tal-crane €5590.50. Pero' fil-pagna 17 imbaghad tghid li l-valur tat-torn ghandu jitqies li hu LM1500 flok LM1000 u ghalhekk in-nofs tal-attrici m'ghandux ikun €1164.69 kif qalet qabel, imma €1747.03. Il-perit legali ikkonkludiet li b'hekk il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici is-somma ta' €19,520.15 + €1,747.03 (torn) + €5,590.50 (crane)= €23,480.00 (LM10,080). Dan huwa zball ghax jekk tghodd ic-cifri li hemm imnizzla jammontaw ghal €26,857.66 jew (LM11,530).* Ghalhekk tordna li isir l-aggustament mehtieg.

**<u>Mobbli</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghal kontenut ta' din is-sezzjoni pagni 18 sa 51 tar-rapport tal-Perit Legali tadottah fl-intier tieghu b' mod li jifforma parti integrali minn dina s-sentenza.

Fir-rigward tas-sideboard li jsemmi l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ma giex sufficentement ippruvat dak li huwa jsostni.

Illi fir-rigward tal-mobbli elenkati f'pagna 19 tar-rapport (Mobbli fil-basement), il-Qorti tordna li l-ghamara li hija fitted inkluz il-fitted cupboards forma ta' L u l-fitted cupboards bil-lostru forma ta' L ghandhom jibqghu fid-dar matrimonjali li giet assenjata lill-attrici u ghalhekk l-attrici ghandha tghaddi l-valur ta' dawn il-mobbli lill-konvenut.

---
[9] Vol. 4, fol. 1141.

F’pagna 20 tar-rapport tal-Perit Legali nofs il-valur fir-rigward ta’ l-attrici mhux is-somma ta’ €162.50 izda dan l-ammont kellu jkun fi flus Maltin antiki u ghalhekk l-ekwivalenti tieghi huwa fil-fatt €378.50.  Ghalhekk il-Qorti tinnota li ghandha ssir dina l-korrezzjoni biex tigi riflessa fir-rapport.

Inoltre, skont il-korrezzjoni tal-Perit Legali stess, fol. 1165 risposta numru 45, ghandha ssir korrezzjoni fol. 46 tar-rapport, item 31, hemm kolonna nieqsa u ghalhekk ghandha tizdied kolonna wara l-kelma zewgha u mhux full stop.

Il-Qorti tinkludi wkoll il-kjarifika tal-Perit Legali li tinsab a fol 1141 tal-process fejn tirreferi ghal pagna 37 tar-rapport taghha u tghid, “*tali lott jammonta ghal LM2036 u ghandu jigi pacut b’lott iehor nispjega li ghandu jigi pacut hekk:*
*Li lil min jigi assenjat dan il-lott msemmi kunsiderazzjoni nru 18, ghandu jikkontegga t-total tal-valuri msemmija f’dan il-lott li skont il-perit legali jammonta ghal LM2036 u jig pacut b’ammont iehor mill-parti l-ohra*”.

Il-Qorti taghti wkoll l-fakolata’ lill-partijiet li bi ftehim bejniethom jaghzlu minnflok li jiehdu l-valuri spettanti lilhom f’oggetti.  Dan dejjem jekk ikun hemm qbiel bejn il-partijiet u fin-nuqqas ghandha tapplika l-qasma skont kif qieghed jigi ordnat f’din is-sentenza.

Illi fir-rigward tal-muniti li l-attrici tghid li m’ghandhiex, il-Qorti tordna li dawn jigu limitati ghal dak li stqarret li ghandha l-attrici u cjoe dak kif imnizzel fir-rapport f’pagna 46 “*l-attrici tghid li f’idejha ghandha ftit u jikkonsistu fi tmintax irbieghet u taz-zewg xelini*”.  Dan, minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-konvenut li jistitwixxi proceduri ad hoc fir-rigward, kemm-il darba jrrizultaw provi ulterjuri li jsostnu din il-pretensjoni teighu.

**Flus parafernali ragel**

Il-Qorti taddotta s-segwenti konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali:

"*Bhala flus qabel iz-zwieg l-konvenut jghid a fol 98 li kellu LM8500 qabel iz-zwieg u uzahom biex xtara l-barriera ta' Hal Mula Zebbug u makinarju li ntuza fl-istess barriera.*
*A fol 99 jghid li qabel iz-zwieg l-konvenut kellu LM2000 li nefaq biex zejjen id-dar matrimonjali dak iz-zmien liema somma kienet originarjament depositata fin-National bank, kellu wkoll LM300 Defence Bonds liema flus wkoll nefaqhom fid-dar matrimonjali ta' dak iz-zmien.*
*Huwa irceva donazzjonijiet minghand ommu Elvira B f'okkazjonijiet ta' birthdays, Milied matul iz-zwieg li jlahqu LM2000 u dawn il-flus huwa xehed li nefaqhom ghal hajja tal-familja tieghu u ta' martu. (fol 99).*
*Minghand ohtu Sister Elvira B huwa irceva kwadru kbir tal-pittura, li l-valur tieghu hu ta' madwar LM200 u jinsab ghandu liema kwadru inghata lilu qabel iz-zwieg (fol 99).*
*Huwa elenka numru ta' rigali li kien qala fit-tieg u li martu tghid li ddipsoniet minnhom billi taghthom rigali tat-tigijiet lil terzi (fol 99 -100).*
*Dwar flus li kellu jdahhal huwa jghid li hafna nies ma halsuhx u ma dahhalx aktar minn LM2000 (fol 107).*

*Hija l-fehma tal-perit legali li l-konvenut ma pprova xejn minn dan u ghalhekk tali talba ghandha tigi michuda b'dan li d-dejn li ghandu jigbor minghand in-nies jibqa' esklussivament a karigu tieghu u l-flus depozitati u/jew investiti f'ismu jibqghu tieghu tentu kont li mir-ricerki esebiti tal-assi jirrizulta li l-konvenut flimkien ma' hutu biegh diversi proprjetajiet gejjin mill-wirt tan-naha tieghu.*

*L-istess jghodd ghall-attrici*"[10].

**<u>Spejjez, kontijiet Djun</u>**
Il-Qorti taghmel referenza ghal din is-sezzjoni pagni 51 sa 53 tar-rapport tal-Perit Legali tadottah fl-intier tieghu u jifforma parti integrali minn dina s-sentenza.

**<u>Plots fil-Mosta</u>**
Il-Qorti taddotta s-segwenti konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali:

---
[10] Vol. 4, fol. 1044.

"*L-attrici a fol 312 tal-volum anness tghid li matul iz-zwieg zewgha xtara kwint indiviz ta' ghaxar plots fil-Mosta bil-prezz ta' LM4200 u li fit-30 ta' Dicembru 1986 huwa biegh flimkien ma' hutu u Victor Chricop bieghu erbgha minn hames sehem (4/5) indiviz ta' sehem lil certu Joseph Dimech kif jirrizulta mill-estratt tal-insinwa Dok DC20 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri (fol 169 tal-volum anness).*

*Minn dan il-kuntratt atti Nutar Tonio Spiteri (fol 169 tal-volum anness) jirrizulta li tali sehem inbiegh ghal LM3900 u kien jappartjeni lill-konvenut u z-zewg hutu l-ohra u lil Victor Chircop.*
*L-attrici esebit ukoll bhala DC20 li skont hi juri li sehem zewgha mill-bejgh ta' dan is-sehem kien ta' LM42,000 u li a fol 387 tal-istess volum l-attrici ssejjah bhala notamenti.*
*Il-perit legali ma tistax tqis bhala prova sufficjenti dawn in-notamenti u l-prova hija dik ta' LM3900 imsemmija fil-kuntratt u ghalhekk sehem l-konvenut huwa ta' 1/5 u cioe ta' LM975 u ghalhekk l-konvenut ghandu jghaddi nofs din is-somma li tammonta ghal Ewro 1135.57*".[11]

**Xoghol tal-attrici**
Il-Qorti taghmel referenza ghal din is-sezzjoni pagni 54 sa 58 tar-rapport tal-Perit Legali tadottah fl-intier tieghu b' mod li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza, salv ghal dak li ser jinghad fil-paragrafu li jmiss.

F'pagna 58 tar-rapport l-ammont li l-attrici ghandha tghaddi lill-konvenut huwa ta' €14,675.05 stante l-fatt li nofs l-ammont ta' LM12,600 huwa LM6,300 u mhux LM8,300 kif hemm indikat. Ghalhekk tordna d-debita aggustament.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar il-kumplament tat-talbiet billi: tilqa' r-raba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwist u li din tigi likwidata u assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti';** tilqa' il-hames talba fis-sens li tapplika fil-konfront tal-

[11] Vol. 4, fol. 1047.

konvenut id-dispost fl-intier tieghu tal-artikolu 48 tal-Kap.12; tilqa' is-sitt talba, limitatament u tit-termini, fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Manteniment'**;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------